22003D0054

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 54/2003

tas-16 ta' Mejju 2003

li temenda l-Anness XVIII (Saħħa u sigurezza fuq ix-xogħol, liġi tax-xogħol, u trattament ugwali għal irġiel u nisa) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XVIII mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 172/2002 tas-6 Diċembru 2002 ([1]).

(2) Id-Direttiva 2002/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-rekwiżiti minimi ta' saħħa u sigurezza rigward l-esponiment (esposizzjoni) ta' ħaddiema għar-riskji kkawżati minn aġenti fiżiċi (vibrazzjoni) (is-sittax id-Direttiva individwali fit-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) ([2]) għandha tkun inkoporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jkun inserit wara l-punt 16j (Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/39/KE) ta' l-Anness XVIII mal-Ftehim:

"16ja. **32002 L 0044**: Id-Direttiva 2002/44/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-rekwiżiti minimi ta' saħħa u sigurezza dwar l-esponiment (esposizzjoni) ta' ħaddiema għar-riskji kkawżati minn aġenti fiżiċi (vibrazzjoni) (is-sittax id-Direttiva individwali fit-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 177, tas-6.7.2002, p. 13)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2002/44/KE fil-lingwi Islandiża u Norveġiża, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-Żee ma', il-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

([1]) ĠU L 38, tat-13.2.2003, p. 38.
([2]) ĠU L 177, tas-6.7.2002, p. 13.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-17 ta' Mejju 2003, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru (ntbagħtu) lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE ma', il-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fis-16 ta' Mejju 2003.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) Ebda rekwiżit kostituzzjonali mhu indikat.